# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Tmintax (18) ta' Marzu 2021**

**Rikors Numru 988/20 FDP**

Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Nru 163/2021
Fl-ismijiet

**A+ Turnkey Services Limited (C 90674)**
**Mark Faenza (ID 554386M)**
**Marie Lourdes Faenza (ID 229487M)**
**Luca di Mondugno (ID 197319A)**

**Vs**

**Matthieu Salamon (ID 233112L)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 8 ta' Frar 2021, li permezz tiegħu r-rikorrent Matthieu Salamon talab is-segwenti:

    1. *Illi permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta tad-29 ta' Jannar 2021, ġiet milqugħa t-talba ta' A+ Turnkey Services Limited, Mark Faenza, Marie Lourdes Faenza u Luca di Mondugno għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra r-rikorrenti fis-somma ta' mija u sebgħin elf Ewro (€170,000) [Kopja tal-istess digriet hawn anness u mmarkat bħala (Dok A );*

    2. *Illi r-rikorrent qiegħed jipprevalixxi ruħu mid-dritt mogħti lilu ai termini tal-Artikolu 836(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. *Illi l-esponent ser jibbaża t-talba tiegħu fuq dak li jipprovdu s-subinċiż (c), (d) u (f) tal- Artikolu 836 subinċiż 1;*

4. *Illi sabiex ma ssirx ripetizzjoni inutli, l-esponent jixtieq li l-atti tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi jiġu allegati ma' dawn l-atti u li l-Qorti tirreferi għall-atti tar-rikors numru 983/2020 fl-ismijiet 'Matthieu Salamon vs A+ Turnkey Services Limited et', dan kemm ai fini ta' ekonomija tal-ġudizzju iżda wkoll sabiex din l-Onorabbli Qorti jkollha spekkjet ċar tal-fatti u l-konsiderazzjonijiet kollha ta' dan il-każ;*

5. *Illi dan ir-rikors mhux biss ser jindirizza l-aggravvji sollevati ai termini tal-Art 836 (1) tal- Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta iżda wkoll ser iservi sabiex titressaq kritika għar-ratio ta' din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta meta għaddiet sabiex tilqa' t-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi;*

6. *Illi fl-ewwel lok, il-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi għandu jiġi revokat għaliex minn imkien ma ġie ppruvat id-dritt prima facie li l-intimati qed ifittxu li jikkawtelaw permezz tal-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru.*

   *Illi preliminarjament, jigi rilevat li Marie Lourdes Faenza m'għandhiex l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex tintavola t-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru. Dan għaliex is-socjeta' A+ Turnkey Services Limited dejjem ġiet irrappreżentata minn Mark Faenza u Luca di Mondugno esklussivament. Illi minkejja li Marie Lourdes Faenza hija l-mara ta' wieħed mill-imsemmija rappreżentanti, din żgur m'għamlet l-ebda xogħolijiet fuq il-proprjeta' mertu ta' din il-kwistjoni. Illi għalhekk, anke' fuq bażi prima facie, ir-rikorrenti Marie Lourdes Faenza naqset milli turi l-interess ġuridiku neċessarju sabiex tressaq it-talba tagħha. Illi stante li l-intimata Marie Lourdes Faenza m'għandhiex l-interess ġuridiku rekwiżit sabiex tintavola tali rikors għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru, jirriżulta għalhekk li ma jistax ikun li ġie ppruvat id-dritt prima facie li tali intimata kienet qed tipprova tikkawtela permezz tal-mandat imsemmi.*

   *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jingħad illi r-rikorrent mhux talli m'għandu jagħti l-ebda somma ta' flus lill-mittenti, talli huwa ħallas somom kbar ta' flus li jeċċedu sew dak miftiehem bejn il-partijiet u kif ukoll l-ammont dovut lill-intimati għax-xogħolijiet magħmula minnhom. Di fatti, nhar it-tmienja (8) ta' Novembru 2019, ir-rikorrent iffirma kuntratt ta' appalt fir-rigward tal-proprjeta' 'Daybreak', Triq ix-Xambekk, Baħar iċ- Ċagħaq, mas-soċjeta' konvenuta A+ Turnkey Services Limited. Illi nhar it-tmintax (18) ta' Novembru 2019, ir-rikorrent iffirma kuntratt ta' appalt ieħor mal-istess soċjeta' fir-rigward tal-istess proprjeta'. Illi fl-imsemmija kuntratti, is-soċjeta' intimata obbligat ruħha li twettaq xogħolijiet u r-rikorrent obbliga ruħu li jħallas is-somma komplessiva ta' tlett mija u tmienja u tmenin elf, sitt mija u tnax-il Ewro (€388,612), kuntratti hawn annessi u mmarkati bħala 'Dok B' u 'Dok C' Illi r-rikorrent ħallas iżjed minn dak li kien obbligat li jħallas skont il-ftehim bejn il-partijiet. Di fatti, ir-rikorrenti mhux talli kien iħallas lill-intimati fil-ħin, talli dejjem kien iħallashom bil-quddiem hekk kif kien*

*rikjest mill-intimati stess, stante n-nuqqas ta' cash flow li kellha s-soċjeta' intimata.*

*Illi nhar l-erbatax (14) ta' Lulju 2020, il-partijiet iffirmaw addendum fejn ir-rikorrent obbliga ruħu li jħallas is-somma addizzjonali ta' ħamsin elf Ewro (€50,000) u l-intimati obbligaw ruħhom li jlestu x-xogħolijiet sal-għaxra (10) ta' Awwissu 2020, addendum hawn anness u mmarkat bħala 'Dok D'.*

*Illi minkejja dan, il-konvenuti ma wettqux ix-xogħlijiet kollha hekk kif miftiehem bejn il-partijiet kif ukoll ix-xogħolijiet magħmula minnhom ma kinux ta' kwalita' tajba u mhux skont dak maqbul fil-kuntratt ta' bejn il-partijiet. Minħabba f'hekk ir-rikorrenti kellu jingaġġa ħaddiema oħra biex jirranġaw ix-xogħlijiet ta' kwalita' ħażina mwettqa mill-konvenuti kif ukoll sabiex jagħmlu x-xogħlijiet li naqsu milli jlestu l-konvenuti. Minħabba n-nuqqas da parti tal-konvenuti u l-ksur tal-obbligi kontrattwali tagħhom kif ukoll il-frodi mwettqa min-naħa tagħhom, ir-rikorrent softa danni konsiderevoli.*

*Illi fid-dawl ta' dan, nhar id-disgħa (9) t'Ottubru 2020, ir-rikorrent intavola mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1388/2020 kontra l-konvenuti, fejn din l-Onorabbli Qorti, kif diversament presjeduta, ordnat l-ħruġ tal-imsemmi mandat kontra l-konvenuti, speċifikament fis-somma ta' mitejn u disat elef Ewro (€209,000). Illi tali mandat ġie segwit mir-rikorrent, b'din il-kawża fil-mertu sabiex ir-rikorrenti jitħallas is-somma dovuta lilu mill-intimati.*

7. *Illi ulterjorment u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jingħad illi l-intimati ma ppreżentaw ebda prova li tissustanza l-kontro-talba tagħhom u ċioe xi dokument li juri illi x-xogħolijiet mwettqa mill-intimati allegatament jożbqu l-ammont imħallas mir-rikorrent, speċifikament fis-somma in eċċess ta' mija u ħamsin elf Ewro (€150,000).*

    *Issir referenza għall-email mibgħut nhar it-tmintax (18) ta' Settembru 2020, mir-rappreżentanti tas-soċjeta' intimata lir-rikorrent, dokument hawn anness u mmarkat bħala 'Dok E', fejn joħroġ biċ-ċar illi l-intenzjoni tas-soċjeta' intimata kienet li tittermina n-negozju minn mar-rikorrent billi l-intimati jiġbru l-għodda tagħhom minn fuq il-proprjeta mertu tal-kwistjoni u mingħajr ebda ħlas iktar ma jkun dovut, hekk kif espressament intqal minnhom fl-email surriferit. Illi t-talba tal-intimati għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, jikkontradixxi kompletamant dak li ntqal minnhom stess fl-email msemmi. Se mai, jekk kemm-il darba, l-intimati bidlu fehemthom, kienu tal-anqas jibgħatu fattura lir-rikorrent sabiex dan iħallas l-ammont allegatament dovut lilhom. La qatt intbagħtet fattura mill-intimati rigward l-ammont imsemmi minnhom u wisq anqas xi ittra ġudizzjarja da parti tagħhom lir-rikorrent, fejn jinterpellawh iħallas l-allegata somma. Fid-dawl ta' dan, ma jifdal l-ebda dubju dwar x'inhi fil-verita l-intenzjoni tal-intimati wara t-talba għall-ħruġ tal-mandat ta sekwestru kawtelatorju msemmi u ċioe illi dan il-mandat ta' sekwestru m'huwa xejn ħlief risposta għall-proċeduri meħuda u istitwiti mir-*

*rikorrent fil-konfront tal-intimati. Dan huwa każ tipiku ta' tpattija għall-fatt li 1-esponent adixxa l-Qrati ta' pajjizna bit-talbiet u l-pretensjonijiet tiegħu fil-konfront tal-intimati.*

*Illi bir-rispett il-ħtieġa tal-prova tad-dritt prima facie tolqot mhux biss lil dan il-mandat iżda lil kull mandat kawtelatorju. Huwa minnu li l-analiżi prima facie ma huwiex wieħed profond u l-Qorti ma tistax tagħmel indaġini fil-mertu tal-kwistjoni. Minkejja dan, m'hemmx għalfejn issir indaġni fil-profond sabiex wieħed jirrealizza sewwa sew x'inhi s-sitwazzjoni bejn il-partijiet - min minnhom fil-verita għandu jitħallas u min minnhom sempliċiment intavola talba għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru b'reazzjoni għal dak magħmul fil-konfront tiegħu. Joħroġ biċ-ċar illi l-intimati m'għandhom l-ebda dritt li jridu jikkawtelaw permezz tal-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kontra r-rikorrent għaliex m'għandhom l-ebda pretensjoni fil-konfront tar-rikorrent tant li fl-ebda mument, ma talbu lir-rikorrent iħallashom is-somma rreklamata minnhom.*

8. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, parti mill-proprjeta fejn saru x-xogħolijiet imsemmija, tgħajjat lir-rikorrent u għalhekk m'hemmx riskju li jekk kemm-il darba l-kontro-talba tal-intimati tigi milqugħa minn din l-Onorabbli Qorti, m'hemmx proprjeta' fuq xiex l-intimati jistgħu jesegwixxu l-ordni għall-ħlas li tkun ingħatat minn din l-Onorabbli Qorti. Din il-proprjeta' sservi ta' garanzija xierqa biex tissodisfa l-pretensjoni tal-intimati fil-konfront tar-rikorrent u għalhekk f'dawn iċ-ċirkostanzi, il-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru fil-konfront tar-rikorrent huwa inutli. Se mai, fid-dawl tal-mandat ta' sekwestru 1388/2020 intavolat mir-rikorrent fil-konfront tal-intimati, stante illi l-uniku ammont li ġie ssekwestrat permezz ta' tali mandat, huwa l-ammont ta' tmintax-il elf, sitt mija u sitta u sebgħin Ewro u għoxrin ċenteżmu għaliex huwa l-uniku ammont disponibbli tal-intimati kollha, għandhom ikunu l-intimati li jiġu ordnati jagħtu garanzija idonea lill-esponent għall-ispejjeż u d-danni li qed isofri u li ser isofri minħabba n-nuqqas da parti tal-intimati.*

9. *Illi finalment u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk din l-Onorabbli Qorti tkun tal-fehma li m'għandhiex tilqa' t-talba tal-esponent għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi, ċertament jirravizzaw ruħhom iċ-ċirkustanzi li jimmeritaw li l-intimati jiġu ordnati jagħtu garanzija idonea lill-esponent għall-ispejjeż u d-danni li qed isofri u li ser isofri l-esponent.*

*Għaldaqstant in vista tal-premess l-esponenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tordna l-allegazzjoni tal-atti tal-mandat ta' sekwestru 163/2021 fl-ismijiet premessi fl- atti ta' dan ir-rikors;*
2. *Tirrevoka l-mandat ta' sekwestru bin-numru 163/2021 fl-ismijiet premessi u dan ai termini tal-Artikolu 836 subinċiż (1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

3. *Tapplika d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 836 subinċiż (8) u (9) tal-Kap 12 fil-konfront tal-intimati.*

4. *Alternattivament jekk it-talbiet preċedenti ma jintlaqgħux fl-intier tagħhom, tordna lill-intimati jagħtu garanzija idonea fil-liġi sabiex jagħmel tajjeb għall-ispejjeż u d-danni li qed isofri r-rikorrent.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati.*

2. Rat illi fit-3 ta' Marzu 2021, l-intimati laqgħu għal dak mitlub billi qajjmu is-segwenti difiżi:

1. *Illi fl-ewwel lok is-soċjeta' esponenti tiddikjara illi s-sekwestru odjern ġie propost biss min A+ Turnkey Limited u mhux minn Mark Faenza, Marie Lourdes Faenza, Luca di Modugno li għalkemm ġew indikati fl-okkju fuq il-formola tar-rikors tal-mandat in effetti aktar l'isfel hemm indikat kjarament li r-rikors bit-talba għall-ħruġ tal-istess mandat kien qed jigi mressaq biss mis-soċjeta' esponenti u minn ħadd aktar. Huwa għalhekk illi l-ewwel argument preliminari tar-rikorrent sekwestrat Salamon dwar in-nuqqas ta' interess ġuridiku ta' Mark Faenza, Marie Lourdes Faenza, Luca di Modugno għandu jigi skartat.*

2. *Illi m'huwiex minnu li l-intimati kissru l-obbligi kontrattwali tagħhom u dan kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

3. *Illi m' huwiex minnu li l-intimati jew min minnhom għandu jiġi applikat kontra tiegħu l-penali u s-sanzjonijiet indikati fil-kuntratti de quo tat-8 ta' Novembru 2019 u 18 ta' Novembru 2019 (Dok. A u Dok. B rispettivament annessi mar-rikors promotur] u dan għaliex fl-ewwel lok ma' avverawx ruħhom il-kundizzjonijiet rekwiżiti għall-applikazzjoni tal-istess stipulazzjonijiet u dan anki minħabba forza irresistibbli [pandemija] u nuqqasijiet attribwibbli lill-attur jew nies ingaġġjati minnu, kif ukoll u wisq aktar għaliex b'effett ta' kemm ftehim verbali bejn il-partijiet kif ukoll wisq aktar b'effett tal-iskrittura tal-14 ta' Lulju 2019, dawk l-istipulazzjonijiet ġew varjati u regolati mill-ġdid;*

4. *Illi m' huwiex anqas minnu li l-intimati jew min minnhom tħallsu aktar minn dak li kien attwalment dovut anzi a kuntrarju ser jirriżulta illi l-attur fadallu jħallas bilanż sostanzjali lis-soċjeta' intimata A+ Turnkey Services Limited għax-xogħol li leħaq twettaq sakemm ġie terminat l-appalt prematurament u dan anki kif ġie propost permezz ta' l-kontro-talba appożita li tifforma parti integrali minn dan l-att ġudizzjarju. Fost ix-xogħol mhux imħallas hemm kwantita kbira ta' extras mitluba mill-attur minn żmien għall-ieħor liema xogħol [u materjali ] ma' kinux inklużi fil-ftehim tal-appalt oriġinali.*

5. *Illi lanqas m'huwa minnu li l-intimati jew min minnhom wettaq xi forma frodi a dannu tal-attur anzi huwa se mai l-attur li qed jagħmel dan a dannu tal-intimati kollha u dan permezz tad-dikjarazzjonijiet foloz ,li huwa qed irressaq u dan ukoll kif ser jirriżulta fil-kors tas-smiegħ tal-kawża odjerna;*

6. *Illi l-attur ma' sofra ebda danni anzi l-oppost għamel qliegħ konsiderevoli bħala konsegwenza tax-xogħolijiet kollha li wettqet is-soċjeta' intimata A+*

*Turnkey Services Limited liema xogħolijiet saru kollha skond is-sengħa u l-arti u kienu tal-kwalita patwita;*

7. *Illi in oltre minkejja dak suepsost in via ta' tweġiba għall-premessi tar-rikors tas-sekwestrat għar-revoka tal-mandat odjern, is-soċjeta' esponenti stess ma' tistax ma' tirrilevax illi tali argumenti huma lkoll* **fuori luogo** *u dan essendo illi f'din il-proċedura il-mertu ta' vertenza ċentrali bejn il-kontendenti għandu jinżamm totalment distint u separat u ma' għandha ssir ebda kunsiderazzjoni dwar l-istess oltre dak permess mill-liġi u ċioe' investigazzjoni dwar jekk jeżistix jedd x' jiġi kkawtelat u dan biss fuq livell ta'* ***prima facie****.*

8. *Illi dwar l-aħħar punt sollevat fir-rikors għar-revoka tal-mandat odjern u ċioe' il-punt numru 8, s-soċjeta' esponenti tirrileva illi f'każ illi is-sekwestrat iġib il-prova dokumentarja sodisfaċenti illi huwa tabilħaqq il-propjetarju assolut ta' xi propjeta' illi huwa jixtieq joffri bħala garanzjia alternattiva, allura hemm hekk l-esponenti stess jikkunsidraw jekk jissostitwux dik il-garanzija ma' dik offerta permezz tal-mandat odjern.*

3. Rat id-dokumentazzjoni ippreżentata mill-partijiet mal-atti fuq imsemmija.

4. Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fl-4 ta' Marzu 2021, wara liema data il-kawża ġiet differita għal digriet finali.

## Ikkunsidrat

5. Jirriżulta illi l-azzjoni odjerna hija bbażata a tenur tal-Artikolu 836 (1) (c), (d) u (f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

6. Jirriżulta għalhekk, illi r-rikorrent qiegħed jitlob ir-revoka tal-Mandat għal tlett raġunijiet differenti, ossija s-segwenti:

   a. Għax hemm garanzija xierqa oħra;
   b. Għax l-ammont mitlub mhux ġustifikat prima facie;
   c. Illi ma huwiex raġjonevoli li jinżamm il-Mandat.

7. Il-Qorti tosserva illi, kif sewwa qalet il-Qorti fil-proċeduri fl-ismijiet **DOM Communications Ltd vs. Office Group Ltd** deċiż mill-Prim' Awla fit-28 ta' April 2015, f'proċeduri ta' dina n-natura,:

   *"...il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara li hija bl-ebda mod ma tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi l-Qrati tagħna, il-proċedura maħsuba fl-Artikolu 836 għandha tkun waħda sommarja, u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' prima facie.*

   *Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet* ***Camilleri vs Gové et****, deċiża fl-10 ta' Mejju, 2001, b'dan il-kliem:*

   *"mid-dispożizzjoni tal-Art. 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta'* ***prima facie*** *(*sottolinjar ta' dina l-Qorti*) u dan għaliex il-mandat kellu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk*

> *hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali fil-kawża proprja."*

8. Il-Qorti tosserva l-istess ġie rilevat fil-proċeduri **Gaetano Abdilla et vs Bianco Charles et,** fejn intqal is-segwenti:

> *"L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab ir-revoka. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv. Illi dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni. Il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipji li d-dritt għal azzjoni ġudizzjarja ma għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha sakemm il-jedd sostantiv ikkontestat jiġi definit minn Qorti (Vide Vincent Mercieca vs George Galea, 29 ta' Novembru, 2011, u Technobroadcast srl vs Mediterrenean Broadcasting Limited, tal-5 ta' Ġunju, 2007)."*

9. Jirriżulta illi l-bażi tar-rikors odjern huma strettament ibbażati fuq il-pretensjonijiet taż-żewġ partijiet fil-proċeduri 983/2020 fl-ismijiet '***Matthieu Salamon vs A+ Turnkey Services Limited et***' li qed jinstemgħu quddiem dina l-istess Qorti.

10. Jirriżulta, għalhekk, illi għal dak li jirrigwarda t-talba tat-tneħħija tal-Mandat għax l-ammont mitlub mhux ġustifikat u/jew li mhux raġjonevoli li jinżamm il-Mandat, sabiex tistabilixxi tali fatt, dina l-Qorti jeħtieġ tagħmel eżami aktar profond minn wieħed 'prima facie', sabiex jiġi stabbilit dak allegat mir-rikorrent, u għalhekk ċertament dina l-Qorti, f'dawna l-proċeduri, ma tistax tikkunsidra favorevolment talba għar-revoka abbażi ta' l-Artikolu 836 (1) (c) u (f).

11. Jirriżulta wkoll illi r-rkorrent jikkontendi illi l-propjeta' fejn għamlu x-xogħol l-intimati, ossija blokk ta' appartamenti ġewwa Triq ix-Xambekk, Baħar iċ-Ċagħaq, limiti tan-Naxxar, għadha propjeta' tiegħu u għandha titqies bħala garanzija suffiċjenti għall-intimati w il-pretensjoni tagħhom.

12. Il-Qorti tosserva, madanakollu, illi għalkemm l-intimati, in vista tan-natura tax-xogħol li għamlu lir-rikorrenti, huma kredituri privileġġjati a tenur tal-Artikolu 2010 (b) tal-Kap 16, l-eżerċizzju ta' tali dritt hija prerogattiva ta' l-intimati u l-fatt li r-rikorrenti jikkontendi illi "*parti mill-propjeta' fejn saru x-xogħolijiet imsemmija tgħajjat lir-rikorrent*" ma tistax, minnha nnifisha, titqies bħala garanzija suffiċjenti, stante illi ma hemm ebda garanzija suffiċjenti għall-intimati li r-rikorrent ma jiddisponix minn tali propjeta' waqt il-mori tal-proċeduri ta' bejniethom, u għalhekk jeludi l-jedd illi huma qiegħdin iqiegħdu fi żgur permezz tal-Mandat odjern. Għalhekk tali bażi ta' revoka ma tistax tiġi kkunsidrata favorevolment minn dina l-Qorti.

## Konklużjoni

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti u d-dokumentazzjoni ezebita; u

Wara illi semgħet is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex taqta’ u tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** it-talba rikorrenti kif dedotta.

**Spejjeż** a kariku tar-rikorrent.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**